MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Numru. 370/92
Kawza Numru. 8

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Edward Gatt residenti 58, Graham Street, Sliema Malta;

Akkuzat talli f'Ghawdex, ghamel jew gieghel jew halla li jsir xi haga f'Marsalforn, Ghawdex li ghaliha huwa mehtieg permess skond l-Artikolu 16(1) tal-Ligijiet tal-Pulizija Kapitolu 10, minghajr dak il-permess, jew mhux skond il-kundizzjonijiet ta' dak il-permess, konsitenti dan il-ksur filli bnejt bla permess u ksirt il-kundizzjonijiet tal-permess.

Ghaldaqstant il-Qorti hija mitluba li tappunta ghas-smiegh dan il-kaz b'urgenza skond is-Subartikolu 7 tal-Artikolu 17 tal-Ligijiet tal-Pulizija, Kapitolu 10, u li jigu applikati d-disperizzjonijiet tas-Subartikolu (1) (3) u (8) tal-imsemmi Artikolu 17.

Fl-ahharnett il-Qorti hi mitluba tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' xi dritt li l-hati ghandu fi jew fuq, propjeta immobbli li dwarha sari r-reat, u dan skond l-Artikolu 17 A tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet il-provi;

Semghet ukoll l-ammisssjoni tal-imputat kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni illi l-imputat issana il-ksur billi ottjena l-permessi mehtiega wara li ghamel applikazzjoni mal-MEPA;

Rat l-atti tal-kawza;

Permess tal-ammissjoni, l-akkuza tirrizulta pruvata;

Ghalhekk issib lill-imputat hati;

Wara li rat l-art 16 u 17 tal-Kap 10 kif vigenti fl-1992 u cioe' fid-data tal-kommissjoni tar-rejat kif ukoll l-art 63 tal-Att I tal-1992;

Minflok li tikkundanna lill-imputat, il-Qorti qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sitt xhur mill-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446 u spejgat l-obbligazzjoni tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza;

Stante li l-ksur lamentat illum huwa debitament regolat bil-hrug ta' permess, il-Qorti tastjeni milli tieghu konjizzjoni tat-talbiet tal-prosekuzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------